MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-12 ta' Awwissu, 2009

Numru 1338/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J Fenech)**

**Versus**

**Nazzareno Zarb**

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Nazzareno Zarb, bin Anthony u Tessie nee Gatt, imwieled il-Pieta' fit-23 ta' Awwissu 1971 u joqgħod 'Ramliegh' Triq Għar Dalam Biżebbuġa u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 375571 (M)

Akkużat talli fit-28 t'Ottubru 2007 bejn l-16.00 u l-16.30 f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Ġab ruħu b'mod li ta fastidju lit-tfal tiegħu Reno Zarb ta' disa' snin u lil Maria Graziella Zarb, lil martu Mary Zarb kif ukoll lil ommu Tessie Zarb u l-familjari tiegħu u b'mod li

kien jaf jew kien imissu kien jaf lid an kein ta' fastidju għal dawk il-persuni;

2. bl-imġiba tiegħu ikkaġuna lil ħaddieħor , u cioe' lit-tfal tiegħu, lil martu kif ukoll lil ommu, biża' li se tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta' tagħhom jew kontra l-persuan jew il-prpjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuan msemmija fl-artikolu 222(1) meta kien jaf jew imissu kien jaf li l-imġiba tiegħu se tikkaġuna lil ħadd ieħor hekk biża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet;

3. Talli kkaġuna offiża ta' natura ħafifa fuq it-tifel tiegħu Reno Zarb ta' disa' snin u fuq martu Mary Zarb hekk kif ġie ċċertifiakt minn Dr.A. Grech;

4. Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' ħsara ma tikskorrix il-ħamsin lira Maltin (Lm50) imam hija iżjed minn Lm10 Maltin;

5. Ħebb kontra t-tifla tiegħu Marija Graziella Zarb u kontra ommu Tessie Zarb sabiex jinġurjahaom, idejjaqhom jew jagħmlilhom ħsara;

6. Għamel lill-familjari tiegħu inġurji jew theddid, jew jekk kien provokat, jinġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

7. Talli huwa kien reċidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati u tal-Appell Kriminali ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti ntalbet biex tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 383 tal-Kap 9 sabiex tipprovdi għas-sigurta' tal-familjari ta' Nazzareno Zarb.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-kunsens tal-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji (ara fol 4 tal-proċess fil-preżentata); id-dokumenti JF1 u JF2 (fol 17 u 18) li huma ċertifikati mediċi; l-istqarrija tal-imputat (fol

19); il-current incident report a fol 24; id-dokument tal-video conference (fol 61); id-dokument JF1 li huwa sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ‘Il-Pulizija versus Nazzareno sive Reno Zarb fil-15 ta’ Jannar 2004 u li kkonfermat sentenza ta’ priġunerija għal erba’ snin; is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijeit ‘Il-Pulizija (Spettur Carmelo Bartolo) versus Nazzareno Zarb tal-31 t’Awwissu 2006 (fol 71) li kkonfermat kundanna t’a sena priġunerija (Dok JF 2) (fol 71); il-fedina penali tal-imputat (a fol 78 et); iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat li jġib in-numru 3755 tal-1971; r-rikors tal-Prosekuzzjoni sabiex il-kawża tinstama’ qabel id-28 ta’ Settembru, 2009 liema talba l-Qorti laqgħet u appuntat il-kawża għas-smigħ għat-30 ta’ Lulju, 2009; u id-digriet tal-Qorti a fol 100 li fih il-Qorti ma sabitx talba għat-tneħħija tal-liberta’ provviżorja tal-imputat iżda talba sabiex terġa’ tixhed mart l-imputat minħabba theddid ġdid liema talba, stante li l-proċeduri kienu waslu fi stat ta’ provi tad-difiża, il-Qorti ma setgħetx tisma’.

Ikkonsidrat

3. Li l-ewwelnett, ebda imputazzjoniji dedotta kontra l-imputat m’għandha piena ta’aktar minn xitt xhur priġunerija għajr għal xi gravanti jew reċidivita’. Għalhekk il-Qorti hija kompetenti li tisma’ din il-kawża ai termini tal-aritkolu 370 tal-Kap 9.

4. L-Ispettur Johann J Fenech xehed li mart l-imputat Mary Zarb kienet marret l-għassa u r-rappurtat li r-raġel tagħha kien mar jiġbor it-tfal ta’ 9, 8 u 6 snin rispettivament u fl-4.00pm ġabhom id-dar jibku u telaq ‘l hemm. Aktar tard, l-imputat kien mar lura d-dar, faqa’ l-bieb tal-appartament, sawwat lilha u beda jħabbtilha rasha mal-ħajt. Mary Zarb kienet irċeviet xi theddid minn għand l-imputat permezz ta’ SMS’s.

5. Omm l-imputat ippruvat twaqqfu u l-imputat ta daqqa fuq widnejha. Huwa hedded lil martu li jekk tmur tirraporta l-għassa hwua kien ser iħalliha f’għadir demm.

6. L-imputat kien ta daqqa ta’ ħarta lit-tifel Reno Zarb.

7. Dr Grech iċċertifika li Mary Zarb u Reno Zarb kienu qed isofru minn ġrieħi ħfief. (Dok JF1 u JF 2).

8. Fl-istqarrija tiegħu l-imputat ma wieġeb għall-ebda domanda.

**Xhieda oħra tal-Prosekuzzjoni**

9. PS 645 Jerry Attard ikkonferma l-current incident report li kellu fih id-dettalji mogħtija minn mart l-imputat meta din marret tagħmel rapport fl-għassa.

10. Meta xehdet Mary Zarb (fol 26) hija qalet hekk:

***‘Jiena ġejt hawn illum bħalma għidt lill-Ispettur nhar is-Sibt biex inwaqqa’ l-każ għax dan li ġara konfużjoni sħiħa kien hemm. Ħaġa li qatt ma ġrat bejnietna jiġifieri.’’***

11. Hija xehdet ukoll li it-tifel tagħha Reno ma riedx imur ma’ missieru (l-imputat). Nofs siegħa wara rat lill-imputat ġej bit-tifel. It-tifel qalilha li missieru kien tah xebgħa iżda hi ma ratx kuħħala waħda. Iżda xorta ħaditu għand il-poliklinika. Meta kieent rat lit-tfel jibki, ħarġet fil-gallarija u kienet ser twaddab ċiliondru tal-gass lill-imputat. Hija qabdet tgħajjar u tkellem ħażin lil żewġha. (fol 27). Hija żiedet tgħid li qatt ma kellhom kwistjonijiet u l-imputat lanqas qatt ma refa’ jdejh la fuqha u lanqas fuq uliedha. (fol 27).

12. Għal aktar mistoqsijiet mill-Prosekuzzjoni, ix-xhud qalet li x’ħin kien tela’ l-imputat kien imbuttaha, sgassa l-bieb u għamel ħsara b’madwar Lm8. Omm l-imputat qaltlu biex iħalliha bi kwieta lix-xhud u tlabitu biex jerġgħu jirrinġaw.

13. Hija nnegat li għamel xi ħaġa lilha u lit-tfal iżda, wara mistoqsijiet tal-Prosekuzzjoni, ikkonfermat li kienet marret il-poliklinika. Hija kienet marret hemm bit-tifel għax l-ispettur kien qalilha tgħaddi hemm hekk ħa tara t-tifel xi ġrieħi kellu. Barra minn hekk, x'ħin imbuttaha kieent ħabtet rasha mal-ħajt. (fol30). L-imputat kein fis-sakra u kieku ried joqtolha jew isawwatha ilu li qatilha. (fol 30).

14. Hija kienet talbet lill-Pulziija jieħdu passi bil-Qorti (fol 30). Ix-xhud qalet li kienet għaġġlet wisq. Quddiem il-Qorit kienet lesta taħfirlu u xtaqet li l-proċeduri jieqfu u dan kienet qed tgħidu kemm għan-nom tagħha kif ukoll għan-nom ta' uliedha. Żiedet tgħid li l-imputat kien jagħti każ tat-tfal. Baqgħet tinsisti li kien hemm problema żgħira bejniethom.

15. Hawn il-Qorti staqsietha jekk tridx li jkun hemm kundizzjoni li r-raġel tagħha ma jersaqx lejha. (fol 31). Ix-xhud wieġbet:

***'Le. Le. M'hemmx għalfejn.' (fol 32)***

**Xhieda ta' Tessie Zarb - Omm L-imputat**

16. Ix-xhud qalet li kienet qed taħfer lill-imputat għax dak kien binha. Hi wkoll kienet tħossha xorta rasha mistrieħa jekk l-imputat imur id-dar. (fol 34).

**Xhieda ta' Donatella Bruno, social worker fis-servizz għall-ħarsien tat-Tfal**

17. Fit-22 t'Ottubru 2007 kienu rċevew rapport minn għand il-guidance teacher li l-minuri Reno Zarb kellu wiċċu minfuħ u li l-imputat kien qed jehddidhom. Fid-29 t'Ottubru, 2009 saret allegazzjoni wkoll li t-tifel kien imbeżża'. Fil-jum ta' qabel missieru kien sabbatlu wiċċu mat-tieqa tal-karozza. Il-missier kien staqsa lit-tfal x'riedu jieklu u kien waqqaf il-karozza quddiem pizzerija f'Birżebbuġa. B'mod aggressiv l-imputat kien qabad wiċċ Reno. Il-minuri kellu grif fuq idejh u daħħal ukoll xi ħġieġ ġo dahru. Meta mar id-dar kien qal x'ġara lil ommu li reidet tagħmel rapport fl-għassa. Huwa kien refa' jdejh kemm

fuq martu kif ukoll fuq is-sinjura Tessie Zarab. Is-sinjura Marija Zarb kienet qalet li bħala omm hi kellha d-dmir li tipproteġi lit-tfal. L-imputat kellu problema tal-alkoħol. Fil-11 ta' Jannar 2008 l-aġenzija kienet infurmata li s-sinjura Marija Zarb flimkien amt-tfal tagħha daħlu ġewa x-xelter minħabba swat u theddid. It-tfiel kien spjega li jħossu żgur ġewwa x-xelter għax hemm l-imputat ma kienx jiġi għalihom. Il-minorenni kien ta dettalji ta' vizzji oħrajn li allegatament kellu l-imputat (fol 46) kif ukoll qal li xtaq jara 'l missieru jagħmel programm ta' riabilitazzjoni.

**Xhieda tal-minorenni Reno Zarb**

18. Dan qal li missieru kien qabad jagħtih u faqa' l-ħġieġa bih. Kien ukoll qabdu minn wiċċu. Huwa qal li missieru kien tah xi daqqiet bil-ponn (fol 52) u bil-ħarta (fol 53). L-imputat baqa' jagħti lil ibnu sad-dar. Meta mar id-dar, faqa' l-bieb t'a barra, ta' ġewwa u tela' jagħti lilu, lil ommu kif ukoll lin-nanna. Il-Pulizija kienu marru d-ar u raw lix-xhud bil-ħġieġ. Il-ħġieġ kien tat-tieqa li faqa' l-missier. Wara marru l-poliklinika. Ix-xhdu qal li kien għamel xi ġimgħa muġugħ. Huwa kellu wkoll xi grif f'għonqu barra lik għajnu kienet minfuħa. Lil ommu kien qabadha minn spallejha u sabbtilha rasha mal-ħajt. L-imputat kien xejjer b'injama bil-pont fid-direzzjoni ta' ommu (omm l-imputat) u laqatha f'idha. L-imputat kien baħgat lil ommu diversi messaġġi u jheddidha li ser joqtolha iżda dawn il-messaġġi ma kienx rahom.

19. Meta reġgħet xehdet Marija Zarb fl-1 ta' Lulju 2008, hija qalet lit rid li l-każ jaqa' kollu. Hija qalet li kienet sofriet żewġ girfiet ġo wiċċha. Qalet ukoll li t-tfal riedu 'l missierhom lura d-dar u kienet qed tirrinunzja wkoll għan-nom tat-tfal. (fol 88 – 89). ( Ara wkoll il-verbal a fol 87).

20. Fl-14 ta' Lulju 2009, l-Ispettur ippreżenta rikors sabiex il-Qorti tirriappunta l-kawża f'data qabel minn dik indikata fid-differiment. Il-Qorti laqgħet it-talba.

21. Ir-rikors ma kienx wieħed għat-tneħħija tal-liberta' proviżżorja tal-imputat iżda sabiex terġa' tixhed mart l-imputat dwar l-imġiba tiegħu. Skond id-differimenti tal-1

ta’ Lulju 2008 u tal-11 ta’ Frar 2009, il-kawża kienet differita għall-provi difiża u trattazzjoni (fol 97). Għalhekk il-Qorti ddekretat li ġaladarba (i) ma kellhiex talba biex titneħħa l-liberta’ proviżżorja tal-imputat u (ii) il-provi kienuj fi stadju ta’ provi difiża, il-Qorti ma kenitx er tilqa’ t-talba tal-Prosekuzzjoni.

22. Id-difiża ddijarat irrinunzjat għax-xhieda ta’ Marija Zarb u ddikjarat li għalqet il-provi.

## Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

## Punti Legali

### A. Ġrieħi Ħfief

23. Il-Qorti fliet il-provi kollha prodotti. Mir-rapport li kien sar minn Marija Zarb stess jidher li kien hemm bażi serja għall-inkolumita’ kemm tagħha kif ukoll ta’ l-istess ommha u tat-tfal.

24. Il-Qorti qabblet ċerti dettalji ta-rapport ma’ dak li xehed it-tifel Reno Zarb u sabet li dawn jaqblu perfettament. B’mod partikolari hemm dettal dwar li l-imputat qabad injama bl-imsiemer (ara fol 25).

25. Il-mara tal-imputat qalet li kienet qed tirrunzja għall-azzjoni kriminali għan-nom tagħha u ta’ uliedha. Omm l-imputat qalet li ħafritlu.

26. Kemm mart ix-xhud kif ukoll binha Reno Zarb kellhom ġrieħi ħfief kif xehdet hi, kif xehed it-tifle u kif jirriżulta miċ-ċertifikati. esibiti. Skond l-artikolu 221(4) meħtieġa l-kwerela sabiex il-proċeduri jitkomplew f’każ ta’ ġrieħi ħfief bħal dawk indikati fis-sub-artikoli (1) u (3) tal-istess artikolu. Biss dan ma japplikax fil-każ tal-persuni msemmija fl-artikolu 222(1)(a). Issa l-artikolu 222(1) (a) isemmi il-mara jew ir-raġel waqt li jirreferi wkoll għall-persuni msemmijin fl-artikolu 202(h) fejn fejn sub-

paragrafu (iii) jissemmew it-tfal. Għalhekk fil-każ odjern, il-maħfra jew it-tneħħija tal-kwerela bl-ebda mod ma jeffettwaw it-tkomplija tal-proċeduri dwar feriti ħfief (ara l-imputazzjoni numru 3) ġaladarba dawn inbdew.

**B. Il-Ħames u s-Sitt Imputazzjoni - Kontravenzjonijiet**

27. Dawn l-imputazzjonijiet jaqgħu taħt l-artikolu 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kap 9. Skond l-artikolu 339(2), tinħtieġ il-kwerela tal-partijiet u m'hemmx eċċezzjonijiet bħalma jidher fl-artikolu 221(4) tal-istess Kap 9. Ġaladarba tneħħiet il-kwerela u hawn si tratta ta' kontravenzjonijiet biss, il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-ħames u s-sitt imputazzjoni.

**Ċ.Ir-raba' Imputazzjoni –Ħsara ta' Lm8.**

28. Skond l-artikolu 325 tal-Kap 9, jekk titneħħa l-kwerala l-proċeduri ma jkomplux. Biss il-Qorti m'għandhiex quddiemha xi kont tal-ħsara li saret li kien ġuramentat. Għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputat mir-raba' imputazzjoni wkoll.

**D. L-Ewwel u t-Tieni Imputazzjoni**

29. Għal dawn m'hemm bżonn ta' ebda kwerela u għalhekk il-maħfra jew ix-xewqa li ma jitkomplux il-proċeduri ma jeffettwawx it-tkomplija tal-proċeduri.

**E. Ix-xhieda mogħtija mis-social worker.**

30. Din ix-xhieda għandha tibqa' fil-proċess bħala prova ta' dak li ntqal mill-allegat vittma, il-minorenni Reno Zarb. Biss bħala prova din taqa' taħt il-projbizzjoni tal-artikolu 598 tal-Kap 12, kif applikabbli għall-Kap 9, jiġifieri għandha titqies bħala hearsay. Għaldaqstant il-Qorti hija prekluża milli tistrieħ fuq dak li qalet is-social worker stante dak li jgħid l-artikoli dwar il-hearsay rule. Mid-depożizzjoni ma jirriżultax li rat in-nefħa f'wiċċ Reno Zarb

hija stess. **Il-Leġislatur jista' jistudja jekk għandux ikun hemm ripensament dwar dan l-artikolu fejn tidħol ix-xhieda ta' social workers meta t-tfal ikunu qed jiftħu qalbhom magħhom. Id-dinja mxiet ferm minn meta nkiteb l-artikolu 598 tal-Kap 12 u ġurisdizzjonijiet oħra diġa' bdew jibdlu artikoli simili. Inkella l-Qorti tkun tista' taċċetta bħala prova dak lit kun rat is-social worker stess.**

**Provi Fattwali**

31. Prattikament il-Qorti għandha x-xhieda li ta Reno Zarb. Kemm omm l-imputat kif ukoll martu prattikament ippruvaw jimminimizzaw dak li kien seħħ. L-omm ħafret ta' omm li hi waqt li mart l-imputat esprimiet ix-xewqa tagħha li l-proċeduri jieqfu.

32. Dwar meta jistgħu l-proċeduri l-Qorti fil-paragrafi 26 u 29 ta' din is-sentenza. Il-proċeduri dwar l-ewwel tliet imputazzjonijiet ma jistgħux jieqfu. Fejn ikun hemm l-involviment ta' tfal ta' eta' tenera, kif kien hemm f'dan il-każ, id-dikjarazzjoni tal-omm f'isimha u f'isem it-tfal li jitwaqqfu l-proċeduri, mhux bilfors tkun milqugħa fejn l-allegati vittmi huma tfal. **L-inkolumita' ta' tali tfal mhix biss il-preokkupazzjoni tal-omm iżda hija wkoll tas-soċjeta' li trid tagħti dik il-protezzjoni kollha bħala parti mid-Drittijiet tat-Tfal skond il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet tat-Tfal li tagħha Malta hija pajjiż kontraenti**. Illum ukoll it-tfal għandhom id-drittijiet tagħhom u mhux bilfors li dak li jkun deċiż mill-ġenituri jrid ikun aċċettat.

33. Il-Qorti hija konvinta mix-xhieda li ta Reno Zarb u li hija l-verita'. Minn dak li xehed jirriżulta b'mod ċar li t-tifel issawwat minn missieru li qanqal fih biża' kemm meta Reno Zarb kien fil-karozza u qala' daqqiet bil-ponn waqt li missieru faqa' l-ħġieġa kif ukoll meta ra lil ommu u lil nanntu jaqilgħu xebgħa. M'hemm ebda prova iżda dwar x'ġara lit-tifla Maria Graziella Zarb. Għalhekk l-ewwel imputazzjoni tirriżulta parzjalment vis a vis Reno Zarb.

34. It-tieni imputazzjoni tirriżulta mill-istess xhieda vis a vis it-tifel Reno Zarb, mart l-imputat u omm l-imputat. Għalhekk l-imputat qed jinstab ħati tat-tieni imputazzjoni.

35. Dwar it-tielet imputazzjoni (ġrieħi ħfief), dawn jiriżultaw minn dak li xehed Reno Zarb u minn dak li xehdet l-omm stess. Tinsab ukoll fil-proċess il-prova permezz taċ-ċertifikati tat-tobba.

## Ir-Reċidiva

36. Dwar ir-reċidiva, il-Qorti għandha quddiemha żewġ sentenzi allegatament kontra l-imputat, iżda dawn li ġew ammessi, la għandhom in-numru tal-karta tal-identita' tal-imputat u lanqas ma ġiet ikkonfermata l-identita' tal-imputat. Għaldaqstant il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn dan l-addibitu (imputazzjoni numru 7).

## Konklużjoni

37. Qorti, wara li rat l-artikoli 251A(1)(4), 251B(1), 221(3)(4), 325(1)(d), 339(1)(d), 339(1)(e) u 49 u 50 tal-Kap 9 qed tillibera lill-imputat mir-raba', mill-ħames, mis-sitt imputazzjoni, u mill-addebitu tar-reċidiva (is-seba' imputazzjoni) u qed issibu ħati tal-ewwel (iżda fil-konfront tat-tifel Reno Zarb biss), tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni bit-tielet imputazzjoni assorbita fit-tieni imputazzjoni ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9 waqt li qed tapplika l-artikolu 17(b) tal-Kap 9 għall-ewwel żewġ imputazzjonijiet.[1] Il-Qorti qed tqis ix-xewqat ta' mart l-imputat u ta' omm l-imputat kif espressi qabel ma sar l-aħħar rikors li l-fatti esposti fih **mhumiex parti mill-mertu ta' dawn il-proċeduri.**

[1] Ir-reati ma seħħewx fl-istess ħin.

38. Min-naħa l-oħra l-Qorti ma tistax tinjora l-inkolumita' tat-tifel u dan in linea mal-obbligi ta' Malta fid-dritt internazzjonali u in linea wkoll mad-deċiżjoni 'Opuz versus Turkey' deċiża fid-9 ta' Ġunju 2009. Fil-każ imsemmi kien hemm involuta omm li nqatlet minn żewġha. L-awtoritajiet Torok ma kinux ħadu ħsieb biżżejjed meta kienu jafu x'kien il-pattern tal-imġiba tar-raġel u xorta nstabu li vvjolaw id-dritt tal-ħajja **għalkemm il-proċeduri kienu twaqqfu darbtejn wara li n-nisa invoulti rtiraw il-kwereli.** Skond l-artikoli 2 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-pajjiżi kontraenti għandhom obbligi pożittivi li ħadd ma jinqatel jekk tali qtil ikun jista' jiġi evitat.

39. Fil-każ ta' llum il-Qorti kkonsidrat li l-Pulizija ħadmet tajjeb, mal-ewwel u ħadet il-passi meħtieġa billi arrestat lill-imputat u dan sabiex tipprovdi għall-ħarsien ta' kulħadd, kemm kbar kif ukoll tfal. Aktar minn hekk ma setgħetx tagħmel.

40. Il-Qorti, wara li qieset dak li jipprovdu l-artikoli relevanti tal-Kap 9 diġa' msemmija, ix-xewqat espressi minn omm u mart l-imputat, u s-serjeta' tal-każ qed tikkundanna lill-imputat għal erba' xhur priġunerija li minnhom għandu jitnaqqas kull żmien li l-imputat għadda taħt arrest preventiv.

41. Il-Qorti mhix qed tapplika l-artikolu 383 tal-Kap 9 għaliex (a) l-artikolu 412C huwa għodda aħjar fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ u għall-applikazzjoni tiegħu ma tinħtieġ ebda talba; u (b) **l-artikolu 383 jinħtieġ studju da parti tal-Leġislatur biex jissaħħaħ kemm f'dak li huwa ammont tal-obbligazzjoni kif ukoll dwar kemm għanha ddum fis-seħħ tali obb;ligazzjoni.**

**Ordni ta' Protezzjoni**

**42. Il-Qorti qed tapplika l-artikolu 412C tal-Kap 9 u għalhekk qed toħroġ Ordni ta' Protezzjoni għal żmien sena mil-lum. Il-kondizzjonijiet tal-Ordni huma:**

**(a) Li l-imputat jara lil ibnu Reno Zarb fil-preżenza ta' ommu jew ta' xi social worker biss;**

**(b) li la jhedded lil ibnu Reno Zarb u lanqas lil martu (mart l-imputat) Marija Zarb.**

**Il-Qorti qed twissi lill-imputat jekk b'xi mod ma josservax dawn il-kondizzjonijiet jista' jinsab ħati ta' reat li jġorr miegħu piena massima ta' xitt xhur priġunerija jew multa ta' €2329.37 jew it-tnejn.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------